MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2010

Numru 916/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN JOSEPH FARRUGIA**
**VS**
**KEITH JOSEPH MARY MONTANARO**

Il- Qorti

Rat l- imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat Keith Joseph Mary Montanaro ta' 24 sena, iben Edgar u Maria nee' Rausi, imwieled Balzan, nahr is-27 ta' Marzu, 1983, residenti 'Dilaram', Triq il-Palm, San Giljan u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 0608483(M).

Illi huwa akkuzat talli nhar il-5 ta' April, 2007 ghal habta ta' 21.20 gewwa Wied id-Dies, il-Gharghur u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkagunaw l-mewt ta'

Edward Gribbon li ghandu numru tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 306083(M).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.91) taht liema Artikoli din il-Qorti tista' ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 17 ta' Mejju 2010 (a fol.87) fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, inkluz mix-xhieda dettaljatissima tal-Process Verbal (Dok.MM anness ma dawn il-proceduri) u precizament mid-deposizzjonijiet taz-zewg zghazagh (wiehed minnhom l-imputat) illi kienu fil-prezenza ta' Edward Gribbon, jirrizulta illi fil-5 ta' April 2007, Edward Gribbon ftiehem biex jiltaqa' ma' David Mifsud, meta ltaqaw cemplu lil Keith Montanaro, ghaddew ghalih, it-tlieta flimkien marru jixtru xi laned ta' birra u baqaw sejrin Wied id-Dies. Huma kienu qeghdin fil-karozza ta' David Mifsud. Dan kien ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofs in-nhar.

Illi Edward Gribbon u Keith Montanaro hadu maghhom xi "joints resin"; ma jidhirx li David Mifsud ha mieghu xi sustanzi simili.

Illi pparkjaw, il-karozza, u mxew fil-Wied sakemm waslu fil-post fejn instab il-kadavru ta' Edward Gribbon. Hemm

xorbu l-birra u bejniethom it-tlieta lahqu hadu zewg *joints*. F'xi hin bdew jiccajtaw u b'xi bamboo sticks. David Mifsud pogga, fil-waqt li t-tnejn l-ohra baqaw jiccajtaw flimkien. Gribbon qabad bicca xokk ta' sigra (log) u waddbu fid-direzzjoni ta' Montanaro u laqatu f'spalltu; Montanaro minn-naha tieghu qabad dan iz-zokk u waddbu lura lejn Gribbon; dan dar u ghatta wiccu biex jipprotegi lilu nnifsu pero' z-zokk laqtu wara widintu l-leminija. Mad-daqqa waqa mal-art ghamel hoss qiesu jokkrob u ma regax iccaqlaq. Fl-ewwel mumenti Montanaro u Mifsud hasbu li Gribbon kien qed jiccajta pero' malajr rrealizzaw li din ma kinitx cajta. Mifsud cempel ghall-ambulanza u mar jigri lejn it-triq biex ikun jista' jidderigi lit-tabib lejn il-post fejn kien hemm Gribbon. Fil-frattemp Montanaro refa' lill-Gribbon biex jiehdu lejn it-triq. Ma kien lahaq ghamel xi passi Montanaro hass lil Gribbon kien qiesu ser jirremetti allura rega' poggih mal-art fuq genbu u naddaflu halqu mill-materjal li kien qala u anke beda jaghmel CPR sakemm gew ta' l-ambulanza. Sadattant David Mifsud telaq minn hdejn it-triq u rega beda miexi lejn il-post fejn kien halla lil shabu biex jara kif kien Gribbon pero sema l-ambulanza gejja ghalhekk rega' mar fit-triq u wassal lil personnel ta' l-ambulanza fil-post fejn kien hemm shabu. It-tentattivi li saru mill-personnel ta' l-ambulanza kienu nutili ghax Edward Gribbon kien miet.

Illi fil-kaz odjern, l-evdienza medika mill-Patologisti nominati fl-inkjesta huma vitali, l-patologista fl-inkjesta (Dr. Ali Safraz MBBS u Professor Marie Theres Camilleri) kkonkludew illi:

*"The death of this young male is certified as being due to diffused subarachnoid haemorrhage."* (ara page 58 tal-Process Verbal)

Illi fl-istess inkjesta Dr. Mario Xerri ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok.MS1 (a fol.63 et sequitur) u kkonkluda s-segwenti wara li kien prezenti ghall-awtopsja:

*“Il-kawza diretti ttal-mewt ta’ Gribbon kienet emorogija cerebrali u din il-kondizzjoni hija purament patologika u ma kinitx xi rizultat ta’ xi trawma.”* (ara fol.88)

Illi mix-xhieda mbaghad ta’ Profs. Marie Theres Camilleri u Dr. Ali Safraz (a fol.74 et sequitur) ikkonfermaw li z-zaghzugh, Edward Gribbon, miet kawza ta’ *diffused subarachnoid haemorrhage* u cioe “Emorogija gewwa r-ras illi kienet naturali” u wasslu ghal konkluzjoni illi “It was a natural cause of death.” Mitlubin mill-Qorti, jaghtu spjegazzjoni aktar dettaljatha ghal din il-kawza tal-mewt, Professor Theres Camilleri u Dr. Safraz xehedu illi Gribbon kellu difett fl-arterja fil-mohh li tinfaqa’ u meta tinfaqa’ taghmel emorogija, cioe ikun hemm kollezzjoni ta’ demm u kollezzjoni ta’ demm gewwa l-mohh, ghaliex il-*cranium* hija struttura rigida, tikkawza pressjoni fil-mohh li toqtol il-bniedem (ara xhieda a fol.74 u fol.75).

Professor Camilleri u Dr. Ali Safraz (a fol.75) accertaw lil Qorti illi dan id-difett fl-arterja tal-mohh kienet:

*“Difett genetiku u it can happen, I mean you have this defect, you are born with it.”*

Mitlubin mill-Qorti jghidu, kemm-il darba l-kawza tal-mewt u cioe t-ticrit f’arterja fil-mohh tal-mejjet Gribbon kelliex xi haga x’taqsam mal-ferita li kellu fuq ghonqu, Professor Camilleri u Dr. Ali **rrispondew fin-negattiv b’mod assolut** (ara xhieda a fol.75).

Mix-xhieda, mbaghad, ta’ Dr. Michael Sammut (Espert ta’ Tossologija) – a fol.88, sab livell medju ta’ alkohol fid-demm ta’ Gribbon:

***“Imma relatively mild, mhix xi haga gravi. Imma la kien hemm medicini u la drogi nvoluti.”***

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda dettaljata tal-Patologisti Professor Camilleri u Dr. Ali f'dan il-kaz, ta' l-esperti tat-tossologija Dr. Michael Sammut u ta' l-Espert Forensiku Dr. Mario Xerri, din il-Qorti tikkonkludi illi l-kaguni tal-mewt ta' zaghzugh Edward Gribbon kienet kawza naturali tal-mewt u cioe *diffused subarachnoid haemorrhage* fl-arterja ta' mohh Gribbon, rizultanti minn difett genetiku ta' l-istess Gribbon li kienet tikkostitwixxi '*a hidden time bomb'* li setghet ipprecipitat il-mewt ta' dan iz-zaghzugh fi kwalunkwe mument ta' hajtu.

Il-Qorti giet assigurata b'mod assolut mill-Patologisti illi l-gerha zghira illi l-imputat kellu f'ghonqu ma kellha x'taqsam xejn, ma kkontribwiet xejn u ma kelliex nexus mal-kagun tal-mewt taz-zaghzugh Gribbon fi kwalunkwe hin.

Il-Qorti semghet mix-xhieda illi l-imputat u siehbu ghamlu dak kollu li setghu biex jghinu lil Gribbon inkluz li taw l-ewwel ghajnuna, CPR, cemplu ghall-ambulanza mall-ewwel u ggwidaw il-personnel ta' l-ambulanza ghal post fejn gara l-incident u din il-Qorti taghraf illi dawn iz-zghazagh ghamlu dak kollu possibli biex jghinu lil dan iz-zaghzugh sfortunat.

Illi ghal dawn il-motivi, l-Qorti ssib lill-imputat **Keith Joseph Mary Montanaro**, **mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------